**PRIM'AWLA QORTI CIVILI**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 10 ta' Jannar, 2017**

**Rikors Guramentat Nru: 143/2016 AF**

**Carmel u Lucia konjugi Zahra**

**vs**

**Tlata Limited (C-16319)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-atturi Carmel u Lucia konjugi Zahra, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Is-socjetà konvenuta ghandha taghti lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000), rapprezentanti somma rimanenti dovuta minnkom flimkien ma' imghax dovut a skaletta naxxenti minn skrittura privata iffirmata bejniethom quddiem in-Nutar Mario Bugeja fit-3 ta' Novembru, 1998 (kopja tal-ftehim hawn anness u mmarkat Dok. CZ1) u skont konferma tal-istess ftehim (hawn anness mmarkat Dok. CZ2).

Is-socjetà konvenuta giet interpellata biex thallas izda baqghet inadempjenti (kopja ta' ittra legali u risposta ghall-istess

dokumenti mmarkati Dok. CZ3 u CZ4 rispettivament) u intbaghtet ukoll ittra ufficjali (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. CZ5) liema ittra giet risposta permezz ta' ittra legali mill-konsulent tas-sojcetà konvenuta (kopja hawn annessa u mmarkata Dok. CZ6).

Ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

Tikkundanna lis-socjetà konvenuta thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' ghoxrin elf Ewro (€20,000) flimkien mal-imghax relattiv a skaletta mid-data tat-tieni ftehim in konnessjoni mad-dokumenti hawn annessi.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-prezenti, tal-ittra ufficjali bin-numru 262/2016 datata 26 ta' Jannar, 2016, dawk tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet dekoribbli a skaletta mid-data tat-tieni ftehim, kontra s-socjetà konvenuta, li minn issa hija ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata tas-soċjeta konvenuta Tlata Limited li permezz tagħha gie eċċepit illi:

Preliminarjament it-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kodici Civili.

Fit-tieni lok u bla ebda pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt tat-3 ta' Novembru 1998 huwa vvizjat b'*causa illecita* billi jikkostitwixxi self b'uzura.  Ghaldaqstant dak il-kuntratt huwa llegali u kontra l-ordni pubblika u ghandu bhala konsegwenza ta hekk jigi ddikjarat null fl-intier tieghu.

F'kull kaz, izda bla pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jigi ppruvat.

Finalment jigi rilevat illi kontra kull etika u sens ta' korrettezza l-atturi pprezentaw, flimkien mar-rikors mahluf taghhom, korrispondenza legali tas-socjetà esponenti fuq bazi "bla

pregudizzju”, senjatament “Dok. CZ4” u “Dok. CZ6”, u ghaldaqstant dawn ghandhom jigu sfilzati minnufih.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez tal-prezenti u bir-rizerva ghal kwalsiasi azzjoni opportuna fid-dawl tat-tieni (2) u r-raba (4) eccezzjonijiet fuq sollevati.

Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mis-soċjeta konvenuta.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din l-azzjoni, l-atturi qegħdin jitolbu lill-Qorti tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas l-ammont ta' €20,000 flimkien mal-imgħax relattiv rappreżentanti l-bilanċ rimanenti li huma jgħidu li huwa dovut lilhom skont skrittura privata ta' self datata 3 ta' Novembru 1998.

Din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni preliminari sollevata mis-soċjetà konvenuta fir-risposta ġuramentata tagħha u ċioè li l-azzjoni attriċi hija preskritta bid-dekors ta' ħames snin ai termini tal-artikolu 2156 tal-Kodiċi Ċivili. Permezz ta' nota ppreżentata fl-atti tal-kawża fl-24 ta' Mejju 2016, is-soċjetà konvenuta tiċċara li l-eċċezzjoni tagħha hija bbażata fuq il-paragrafu (e) ta' dan l-artikolu li jipprovdi testwalment hekk:

> *"2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku."*

Mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi u Paul Falzon għan-nom tas-soċjetà konvenuta kienu ffirmaw skrittura datata 3 ta' Novembru 1998 quddiem nutar pubbliku, permezz ta' liema skrittura l-partijiet ftehmu li l-atturi kellhom isellfu lis-soċjetà konvenuta is-somma ta' Lm12,000, illum €27,952.48 restitwibbli fi żmien ħames snin bl-imgħax ta' 10% a skaletta.

Fis-6 ta' Awissu 2012, l-attur u Paul Falzon, dan tal-aħħar għal darb'oħra għan-nom tas-soċjetà konvenuta, iffirmaw skrittura li permezz tagħha l-attur iddikjara li kien qiegħed jirċievi mingħand Falzon l-ammont ta' €5,000 konsistenti f'*vouchers* ta' Rite Mix (Gatt Bros) Ltd, bħala parti mill-pagament dovut lilu li sa dak iż-żmien, skont din it-tieni skrittura, kien jammonta għal €40,000. Fl-istess skrittura ġie ddikjarat illi l-bilanċ rimanenti kien ta' €20,000.

Fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega li b'kollox huwa silef lis-soċjeta konvenuta s-somma ta' Lm16,000, illum €37,269.97. Huwa ppreżenta kopja ta' skrittura ta' self datata 26 ta' Jannar 1996 li permezz tagħha kien silef lis-soċjeta konvenuta s-somma ta' Lm4,400, illum €10,249.24. Minkejja li f'din l-iskrittura hemm miftihem illi s-somma għandha titħallas lura mingħajr imgħax, fl-affidavit tiegħu l-attur jispjega li s-self prinċipali kien ta' Lm4,000 filwaqt illi Lm400 kienu jirrappreżentaw l-imgħax fuq din is-somma. L-attur jispjega wkoll illi s-soċjetà konvenuta kienet tħallas l-ammont dovut lill-atturi permezz ta' diversi *vouchers* ta' konkos u li llum, il-bilanċ rimanenti li jonqosha tħallas jammonta għal €20,000.

M'huwiex ikkontestat bejn il-partijiet illi l-artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili huwa applikabbli għal dan il-każ. In sostenn tal-eċċezzjoni tagħha, is-soċjetà konvenuta ppreżentat nota li permezz tagħha ddikjarat illi ma saret l-ebda interpellazzjoni ġudizzjarja da parti tal-atturi sabiex tinterrompi l-preskrizzjoni u li l-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2012 ma tistax jitqies bħala konferma tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet in kwantu li fiha l-partijiet ma jagħmlu l-ebda referenza għall-iskrittura ta' self tat-3 ta' Novembru 1998.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, l-atturi jargumentaw illi f'dan il-kas il-preskrizzjoni ġiet interrotta skont il-provedimenti tal-Kodiċi Ċivili. Il-Qorti tibda billi tirrileva li minkejja hemm qbil bejn il-partijiet illi qabel ġiet istitwita din il-kawża l-atturi kienu interpellaw lis-soċjetà attriċi tersaq għall-ħlas permezz ta' ittra uffiċjali, din saret fil-bidu tas-sena 2016 u għaldaqstant, ma tiswiex għal finijiet tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni skont l-artikolu 2156(e) surriferit in kwantu li

skont l-iskrittura tal-1998 is-somma mislufa kellha titħallas lura lill-atturi sat-3 ta' Novembru 2003.

L-atturi jgħidu wkoll illi f'dan il-każ seħħet interruzzjoni minħabba l-għarfien tal-jedd da parti tas-soċjeta konvenuta u l-ħlas akkont. Hawnhekk qiegħda ssir riferenza għall-artikoli 2133 u 2134 tal-Kodiċi Ċivili jaqraw hekk:

> *"2133. Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja.*
>
> *2134. Il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih."*

Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Austin Psaila vs Lother Slabick tad-9 ta' Frar 2005:

> *"Huwa pacifiku illi meta tigi sollevata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur ghandu ghad-disposizzjoni tieghu diversi ghazliet possibbli biex jikkombattiha. Ad exemplum:*
>
> *...........*
>
> *(2) is-sospensjoni;*
>
> *(3) l-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodici Civili) jew billi juri ghas-sodisfazzjoni tat-Tribunal illi b' certa attitudni tieghu l-konvenut debitur qieghed lilu nnifsu f' sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni guridika tieghu mal-presunzjoni kostitwenti l-bazi tal-preskrizzjoni. F' dan il-kuntest huma annoverati s-sitwazzjonijiet prevvisti mil-Artikoli 2133 u 2134 tal-Kodici Civili;*
>
> *Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-precitat Artikolu 2133 jestrinsika ruhu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni esplicita jew bi kwalsiasi fatt iehor li jimplika l-ammissjoni ta' l-ezistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-weghda tal-hlas, talba*

*ghad-dilazzjoni tal-pagament, il-hlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-successjoni jew f' forma ta' entrata fl-accounts;*

*Jinsab precizat ukoll, kemm fid-duttrina legali, kif ukoll fil-gurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt ghal fini ta' l-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiziti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, ta' l-inekwivocità, dejjem b' mod esterjorizzat. Rekwiziti dawn li hu necessarju li jikkoezistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiziti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti. Zgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, ghandu l-kompitu li jiddeciedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jigi mfakkar illi, kif drabi ohra deciz, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m' hijiex li ghandha tigi michuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li ghandha tigi akkolta, peress li l-posizzjoni guridika tkun li mentri jkun fatt li ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." (**Kollez. Vol. XXX P I p 989**). Ghaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun car u esplicitu (**Kollez. Vol. XXXVIII P III p 723**)."*

Huwa risaput illi l-preskrizzjoni tisfa interrotta kull darba li d-debitur jirrikonoxxi d-dritt tal-kreditu tiegħu u dan skont l-artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili suċitat. Imbagħad, skont l-artikolu sussegwenti, il-pagament akkont huwa rikonoxximent tad-debitu u wkoll iservi sabiex jinterrompi l-preskrizzjoni.

Fil-fehma tal-Qorti, dan huwa dak li ġara f'dan il-każ. Minkejja li l-iskrittura tas-6 ta' Awissu 2012 ma tagħmel l-ebda referenza għas-self in kwistjoni, iżda biss għall-'pagament' dovut lill-attur, kien jinkombi lis-soċjetà konvenuta li tressaq prova sabiex tispjega għalfejn hija qiegħda ssostni li dan id-dokument m'huwiex qiegħed jirreferi għad-dejn naxxenti mill-iskrittura ta' self tal-1998 u mhux tillimita ruħha għal

dikjarazzjoni vaga mressqa permezz ta' nota, li fuq kollox ma tammontax għall-dikjarazzjoni ġuramentata, li din l-iskrittura m'hijiex konferma tal-iskrittura ta' self imsemmija.

Dan għaliex spiss jiġri li waqt l-andament tal-kawża l-piż tal-prova jgħaddi fuq l-parti l-oħra. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza tagħha fl-ismijiet Christine Xuereb vs Mario Micallef tas-17 ta' April 2009:

> *"Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista ikun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta.' (Kollezz. Vol. XXXVII p 1 p 577)."*

Huwa veru li jinkombi lill-atturi li jressqu prova rassikuranti in sostenn tal-pretensjoni tagħhom illi kien hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni, iżda ladarba l-atturi ressqu din il-prova fil-forma ta' skrittura li tgħid ċar u tond illi s-soċjetà konvenuta kienet mhux biss qiegħda tirrikonoxxi d-dejn iżda li sar ukoll ħlas akkont, il-kontenut ta' liema skrittura ġie kkonfermat mill-attur bil-ġurament permezz tal-affidavit tiegħu, kien imiss lis-soċjeta konvenuta li tissostanzja l-argument tagħha li din l-iskrittura ma tammontax għall-interruzzjoni tal-preskrizzjoni għaliex m'għandhiex x'taqsam mas-self mertu ta' din il-kawża.

Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

IMHALLEF

DEP/REG